TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Emanuela u Evan Calleja

vs

Kyzims

CCT 176/18/MS

19 ta' Gunju 2019

It-Tribunal,

Ra l-avviz tar-rikorrenti pprezentat fit-30 ta' Novembru 2018 fejn talbu r-rifzjoni ta' €39.00, prezz ta' baskett mixtri minghand l-azjenda intimata, liema baskett tqatta' wara biss ftit xhur ta' uzu

Ra illi l-azjenda intimata debitament notifikata bl-avviz tat-talba u tas-smigh ma dahhlet l-ebda risposta u lanqas deheret quddiem dan it-Tribunal biex taghti l-versjon itaghha.

Ra l-atti kolla tal-process

Sema' x-xhieda tar-rikorrenti Emanuela Calleja bil-gurament

Ikkunsidra

Illi fix-xhieda taghha quddiem dan it-Tribunal, ir-rikorrenti tghid illi fis-16 ta' Lulju 2018 hija xtrat baset mill-hanut Kyzims il-Mosta u gimgha wara siefret bih, giet lura u refaghtu. Fit-22 ta' Settembru 2018, indunat li l-basket kien imqatta' u fit-25 ta' Settembru marret fil-hanut minn fejn kienet xtratu u zammewh ghal gurnata. L-ghada xi hadd mill-hanut cempillha u qalilha illi l-basket ma jissewiex u li setghet tigi tigbru. Qalulha wkoll illi kienet ghabbiet il-basket u b'hekk tqatta'. Ir-rikorrenti fl-avviz taghha tinnega illi hi ghabbiet il-basket u tghid illi kienet tuzah biss biex tohrog fit-tmiem il-gimgha u kull ma kienet tpoggi fih kienu affarijiet personali zghar. Tghid ukoll illi wara biss xahar u nofs ma kenitx tistenna li ha jigrilha hekk.

Illi kif diga nghad hadd ma deher ghall-azjenda intimata u ghalhekk it-Tribunal m'ghandux il-konfort ta' versjoni ohra li b'xi mod tikkontrasta ix-xhieda tar-rikorrenti. L-azjenda intimata la prezentat risposta u rapprezentant taghha lanqas ma deher quddiem dan it-

Tribunal meta hekk imsejjah. Ghalhekk it-Tribunal m'ghandux ghazla hlief jilqa' it-talba tar-rikorrenti peress illi din mhijiet kontesta.

Ghal dawn il-motivi jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jikundanna lill-azjenda intimata Kyzims li tirrifondi s-somma ta' €39.00, prezz ta' baskett kif fuq inghad. Bl-ispejjes kontra l-azjenda intimata li jkollha dritt tiehu lura l-baskett hekk kif isir il-hlas.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru